

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Federación de Trabajadores Independientes de Comercio (Fetico), Federación Estatal de Servicios, Movilidad y Consumo de la Unión General de Trabajadores (FESMC-UGT), Federación de Servicios de Comisiones Obreras (CC.OO.)

Konvenuti: Grupo de Empresas DIA S.A., Twins Alimentación S.A.

Dispożittiv

L-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma japplikawx għal leġislazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-ħaddiema jingħataw il-leave speċjali previst f'din il-leġislazzjoni fil-jiem li fihom dawn il-ħaddiema għandhom jaħdmu, sa fejn il-bżonnijiet u l-obbligi li għalihom dan il-leave speċjali jkun meħtieġ iseħħu matul perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew ta' leave annwali mħallas imsemmija f'dawn l-artikoli

(¹) ĠU C 436, 3.12.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-4 ta' Ġunju 2020 – Terna SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-812/18 P) (¹)

(Appell – Enerġija – Proġetti ta' interess komuni tal-Unjoni Ewropea – Għajjuna finanzjarja tal-Unjoni mogħtija favur żewġ proġetti fil-qasam tan-networks tal-enerġija trans-Ewropej – Direttiva 2004/17/KE – Artikolu 37 – Subappalt – Artikolu 40(3)(ċ) – Għoti dirett – Speċifikazzjoni teknika – Ftehim qafas – Tnaqqis tal-għajjuna mogħtija inizjalment wara awditu finanzjarju – Rimbors tas-somom inhallsa inizjalment)

(2020/C 262/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Terna SpA (rappreżentanti: F. Covone, A. Police, L. Di Via, D. Carria u F. Degni, avvocati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet, M. Ilkova, G. Gattinara u P. Ondrůšek, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Terna SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 72, 25.2.2019.